MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 599/2004

**Spiridiona Grech u b`digriet tal-Qorti tat-18 ta` Frar, 2005, gew trasfuzi l-atti f`isem Emmanuele Bezzina minflok il-mejta Spiridiona Grech li mietet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Socjeta` Filarmonika "Banda San Gwann", maghrufa wkoll bhala Socjeta` Filarmonika "Madonna ta` Loudres" u Mario Kennaugh u Joseph Dalmas bhala President u Segretarju rispettivament, ghan-nom u in rapprezentanza ta` l-istess "Banda San Gwann"**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-11 ta` Awissu, 2004, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

L-attrici hija proprjetarja ta` bicca art tal-kejl superficjali kumplessiv ta` elfejn u hdax-il metru kwadru (211mk) illi tinsab fi Triq ic-Ciklamini, San Gwann, konfinanti mill-Lvant ma` Triq ic-Ciklamini, mill-Punent mall-Kazin Filarmoniku Banda San Gwann u mill-Lvant ma` proprjeta` ta` terzi, liema art hija ndikata bl-isfar fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dokument *'A'* (l-***"Art"***);

L-art hija libera u franka u ma hija soggetta ghall-ebda servitu` jew piz iehor, u dan kif jidher mill-kuntratt ta` akkwist (ta` l-art) pubblikat min-Nutar Dottor Vincent Miceli tat-18 ta` Jannar, 2001 – hawn anness bhala Dokument *'B'*;

B`kuntratt ta` l-10 ta` Lulju, 1996 – Dokument *'C'*, porzjoni ohra ta` art li tinsab fi Triq il-Kappella, San Gwann, konfinanti mill-Lvant u minn Nofsinhar ma` l-art mill-Punent ma` Triq il-Kappella u mit-Tramuntana ma` Triq ic-Ciklamini, giet moghtija b`cens temporanju lis-Socjeta` Filarmonika Banda San Gwann, mill-Kummissarju ta` l-Artijiet;

Tali koncessjoni emfitewtika saret a kundizzjoni illi *"the emphyteuta* (u cioe` Banda San Gwann) *shall not subject any of the adjoining sites to any kind of easement"* (kif jidher minn klawzola 12 ta` Dokument *'C'*);

L-art koncessa b`cens temporanju lis-Socjeta` Filarmonika konvenuta hija adjacenti ghall-art ta` l-attrici, kif jidher mill-annessa pjanta mmarkata Dokument *'A'*;

L-art moghtija lis-Socjeta` Filarmonika konvenuta b`cens temporanju, giet zviluppata mill-istess banda f`bini (il-***'Bini'***);

Meta telghet il-Bini, is-Socjeta` Filarmonika konvenuta abbuzivament u minghajr ebda dritt, fethet numru ta` twieqi/fethat/aperturi fil-hajt divizorju ta` bejn l-Art ta` l-attrici u l-Bini, liema twieqi/fethat/aperturi huma mmarkati bl-ittra *'W'* fuq il-pjanta hawn annessa bhala dokument *'A"*

L-istess twieqi/fethat/aperturi huma ta` pregudizzju u qed jikkawzaw danni lill-attrici billi qed jassoggettaw l-art ta` l-attrici ghal servitujiet passivi;

Ghalkemm giet interpellata ufficjalment sabiex taghlaq it-twieqi in kwistjoni, is-Socjeta` Filarmonika konvenuta baqghet inadempjenti.

Talbu lis-Socjeta` Filarmonika konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-Socjeta` Filarmonika konvenuta m`ghandha l-ebda dritt fondat fil-ligi jew xort`ohra biex tiftah u zzomm miftuhin l-imsemmija twieqi/fethat/aperturi, li jinsabu fil-hajt divizorju ta` bejn l-Art ta` l-attrici u l-Bini tas-Socjeta` Filarmonika konvenuta u li jaghtu ghal fuq il-proprjeta` ta` l-attrici;

2. Tikkundanna lis-Socjeta` Filarmonika konvenuta biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, taghlaq l-istess twieqi/fethat/aperturi b`mod permanenti *occorrendo* taht id-direzzjoni ta` periti nominandi;

3. A bazi ta` l-Artikolu 222 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, tghid kif ghandha tigi esegwita s-sentenza, fil-kaz illi s-Socjeta` Filarmonika konvenuta tonqos milli tesegwixxi x-xogholijiet lilha ordnati minn din l-Onorabbli Qorti, skond it-tieni domanda.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tas-16 ta` Dicembru, 2003, kontra s-Socjeta` Filarmonika konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ta` danni spettanti lill-attrici kontra s-Socjeta` Filarmonika konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-banda konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Preliminarjament jigi rilevat u eccepit illi s-Socjeta` Filarmonika “Banda San Gwann” ma tezistiex u hija is-Socjeta` Filarmonika “Madonna ta` Lourdes Banda San

Gwann" li tezisti u ghaldaqstant ghandha issir il-korrezzjoni relattiva u b`hekk tigi sorvolata l-eccezzjoni ta` nullita li setghet inghatat;

2. In linja preliminari jigi rilevat illi l-attrici Spiridiona Grech mietet f`dawn l-ahhar gimghat u ghaldaqstant qabel ma titkompla il-kawza odjerna ghandha issir it-trasfuzjoni tal-atti skond il-ligi;

3. In linea preliminari jigi eccepit illi essenzjalment l-azzjoni odjerna hija dik maghrufa bhala *"actio negatorja"* u tista` titressaq biss minn min hu sid l-art mertu tal-kawza u ghaldaqstant l-eccipjenti qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu dawk l-eccezzjonijiet fir-rigward, jekk ikun il-kaz, meta l-atti tal-kawza jigu trasfuzi skond il-ligi;

4. Fil-mertu jigi eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-eccipjenti ghandhom dritt ta` servitu fuq il-proprjeta` tal-attrici u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

5. Jsegwi illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici jew l-aventi kawza taghha;

6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta mill-provi li l-atturi, bhala werrieta ta` Spiridiona Grech, huma proprjetarju ta` bicca art fi Triq ic-Ciklamini,

San Gwann, li l-imsemmija Spiridiona Grech kienet akkwistat minghand il-Kummissarju tal-Art b`kuntratt ippubblikat min Nutar Dottor Vincent Miceli fit-18 ta` Jannar, 2001; f`dan il-kuntratt ma jirrizultax li l-art hi soggetta ghal xi piz jew servitu`. Dan il-kuntratt sar in segwitu ta` esproprijazzjoni li l-Gvern kien ghamel ta` art akbar u li kien akkwista minghand l-istess Spiridiona Grech b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Grech tal-21 ta` Mejju, 1980. Peress li l-Gvern ma utilizzax l-art kollha, l-istess Spiridiona Grech talbet biex tixtri lura l-bicctejn art li ma gewx utilizzati; eventwalment sar il-kuntratt l-ewwel indikat li in forza tieghu l-Gvern biegh lura lil Spiridiona Grech l-art li ma utilizzax.

Qabel ma sar dan il-kuntratt, b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tal-10 ta` Lulju, 1996, il-Gvern kien ghadda parti mill-art aktar qabel esproprjata lil-kazin tal-Banda ta` San Gwann, u dan b`titolu ta` enfitewsi temporanja ghal zmien hamsin sena li bdew jidekorru mill-15 ta` Jannar, tal-1996. Din il-koncessjoni inghatat taht diversi kundizzjonijiet fosthom li *“the emphyteuta shall not subject any of the adjoining sites to any kind of easement”*. Wahda mill-*“adjoining sites”* issa tappartjeni lill-atturi.

Ai termini tal-istess koncessjoni enfitewtika, meta l-kazin konvenut gie biex jizvillupa s-sit, huwa hejja l-pjanti u issottomettihom ghall-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet. Dawn il-pjanti kienu juru l-izvillup bi twieqi jew aperturi jaghtu ghal fuq art adjacenti. Dan sar b`ittra datata s-27 ta` Novembru, 1996. Il-Kummissarju tal-Artijiet approva l-izvillup, pero`, huwa xehed fis-sens li ezamina u ta` kaz biss l-iskop tal-izvillup u li dan sejjer isir fuq l-art koncessa; hu ma ezaminax il-pjanti fid-dettal u ma qaghdx jaghti kaz fejn kienu se jinfethu twieqi. Il-Kummissarju tal-Artijiet approva l-pjanti b`ittra tal-31 ta` Dicembru, 1996.

Wara dan sar l-izvillup kif ippjanat u infethu sitt twieqi fuq l-art adjacenti li dak iz-zmien kienet ghada tal-Gvern. Sussegwentement, il-Gvern ghadda dik l-art adjacenti lill-Spiridiona Grech u ma rabatx l-art hekk trasferita ghas-

servitu` ta` ftuh ta` twieqi. L-eredi ta` Spiridiona Grech issa qed jitolbu l-gheluq ta` dawk is-sitt twieqi.

Il-Qorti thoss li ghandha tibda biex tghid li, fil-fehma taghha, il-Kummissarju tal-Artijiet ma agixxiex bid-debita kawtela u attenzjoni f`dan il-kaz, u ma kienx qed isegwi bir-reqqa dak li hu stess kien qed jaghmel rigward din il-bicca art. Il-pozizzjoni, pero`, hi li hi, u l-Qorti trid issa ssolvi din il-problema li, tista` tghid, holoqha l-Kummissarju tal-Artijiet.

Issa, permezz ta` din il-kawza l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li l-proprjeta` tieghu indikata fic-citazzjoni hija hielsa minn kull jedd ta` servitu a favur tal-konvenuti u konsegwentement talab wkoll it-tnehhija tat-twieqi, li l-konvenuti fethu ghal fuq din l-istess proprjeta`. Kif jispjega **Francesco Ricci** fl-opera tieghu *"Corso Teorico – Prattico di Diritto Civile* (Torino ed. 1886 vol. II # 473):

*"L-azione negatoria, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta` del fondo, ed escludere percio` la servitu` che altri pretenda di esercitare sul medesimo. Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu' …*

*E` questione, se nell`esercizio della negatoria l`onere della prova incomba all`attore o al convenuto. La liberta` del fondo e` presunta, perche` e` una conseguenza del diritto di proprieta` competente sul medesimo; l`attore dunque ha nell`esercizio della negatoria a suo favore la presunzione, ed in conseguenza non esso, ma chi si fa a combattere tale presunzione, affaciando l`onere stabilito della servitu` ha l`obbligo di somministrare la prova"*.

L-ewwel haga li jrid jaghmel l-attur huwa appuntu li jipprova it-titolu tieghu fuq l-art li qed jghid illi hija hielsa mis-servitu ta` twieqi. Dan l-attur irnexxielu jaghmlu wara li wera li l-bicca art in kwistjoni kienet, l-ewwel, ittiehdet mill-Gvern wara procedura ta` esproprjazzjoni, u wara, peress li l-porzjon art in kwistjoni baqghet mhux utilizzata, ittrasferita lura lil Spiridiona Grech bl-att tat-18 ta` Jannar,

2001. Din Spiridiona Grech mietet fid-19 ta` Novembru, 2004, u skond l-ahhar testment taghha datat 26 ta` Awissu, 1999, ippubblikat min Nutar Dottor Anthony Attard, hija hatret bhala eredi universali taghha u padrun assolut tal-assi ereditarji taghha, lin-neputi taghha, l-attur Emanuele Bezzina. F`tali cirkostanzi, m`ghandu jkun hemm, ghalhekk, ebda dubbju dwar it-titolu tal-attur.

Dwar is-servitu` allegat, kif inghad, hu l-konvenut li jrid jipprova li hu akkwista b`mod legittimu id-dritt minnu pretis biex l-azjoni proposta mill-attur tkun tista` tigi respinta (ara “Camilleri vs Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Gunju, 2006).

Il-Qorti tinnota li, skond disposizzjoni espressa tal-ligi (artikolu 455 tal-Kodici Civili) tieqa hija servitu kontinwu u apparenti, u bhala tali tista` tinholoq bis-sahha ta` titolu, bil-preskrizzjoni jew bid-distinazzjoni taz-zewg fondi (artikolu 457 ibid).

Il-Qorti tista` telimina mill-ewwel il-preskrizzjoni bhala mod ta` akkwist ta` servitu`, peress, li z-zmien mehtieg sabiex tinkiseb servitu` bil-preskrizzjoni huwa ta` mhux anqas minn 30 sena (artikolu 462(1) ibid). L-akkwist tal-art da parti tal-banda konvenuta sar fl-1996, u l-izvillup beda jsir wara; jigifieri, zgur li m`ghadewx 30 sena minn meta nholqu dawk it-twieqi.

Ma jirrizultax, lanqas, li jezisti xi titolu favur il-banda konvenuta li jintitulha izomm it-twieqi miftuha. L-artikolu 458 tal-Kodici Civili jghid espressament li *“t-titolu li bih tigi mnissla servitu` hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku”*. F`dan il-kaz, ma jirrizultax li jezisti kuntratt pubbliku li johloq dan is-servitu`; anzi it-titolu tal-akkwist tal-banda konvenuta espressamet jipprojbixxi l-akkwist ta` servitu` mill-art koncessa. Il-kuntratt, fi kliem iehor, jipprojbixxi li l-art koncessa issir fond dominanti fil-konfront tal-proprjeta` adjacenti.

Hu veru li, il-banda konvenuta tista` targumenta, li s-sid tal-art adjacenti taghta l-permess tiftah twieqi fuq dik l-art, u dan meta s-sid approva l-pjanti li kienu jindikaw ftuh ta`

twieqi fuq l-art adjacenti, pero`, ma jistax jinghad fic-cert li kien hemm dan il-permess. Meta xehed il-Kummissarju tal-Artijiet hu spjega s-sitwazzjoni b`dan il-mod:

*"Nispjega illi kif jidher mill-pjanta li giet sottomessa lilna fuq wara hemm twieqi li jaghti ghal fuq bicca art li wara ahna ghaddejjna lill-Spiridiona Grech u nghid illi ghalkemm il-pjanta giet f`idejna u kif ghid ahna ma qadniex nivvettjaw it-twieqi fejn qieghdin u kif kienu se jinfethu la darba tajna l-permess li jsir ix-xoghol wiehed jista` jghid li allura b`mod indirett tajna l-kunsens taghna ghal ftuh ta` dawk it-twieqi pero` kif ghid ahna ma ivvettjajniex sew il-pjanta imma kien jinteressana biss li jsir l-izvilupp ghall-ispkop indikat, l-izvilupp isir fl-area li giet koncessa"*.

Wiehed ma jistax jghid, allura, li kien hemm kunsens car u esplicitu ghall-ftuh tat-twieqi.

Anke jekk, pero`, il-Qorti kellha taccetta li sid l-art ta` l-kunsens tieghu ghall-ftuh ta` twieqi fuq dik l-art, dan il-kunsens ma jghinx lit-tezi tal-banda konvenuta. Kif intwera, ghall-holqien ta` servitu` kunsens verbali jew bil-kitba ma jiswiewx, ghax il-kunsens, biex jghodd, irid jigi manifestat biss fil-forma solenni, cioe`, fuq att pubbliku.

Fil-fatt, dan il-punt gie ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Neame vs Tabone", deciza fl-4 ta` Mejju, 1988 li osservat li nonostante li l-gar ta` permess verbali ghall-ftuh ta` twieqi jharsu fuq il-proprjeta` tieghu, dan ma johloq ebda dritt ta` servitu` fin-nuqqas ta` att pubbliku. Ghal l-istess konkluzzjoni waslet din il-Qorti fil-kawza "Bugeja vs Bugeja", deciza fit-18 ta` Jannar, 1995, li osservat ukoll li gar m`ghandux jitqies li irrinunzja ghad-dritt tieghu li jaghlaq it-twieqi, minhabba c-cirkostanza li ma ressaq ebda oppozizzjoni waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet. Il-ftuh tat-twieqi, f`cirkostanzi simili, ghandu jitqies li jkun sar b`tolleranza tal-gar, li ghandhom jitqiesu li jezistu sakemm jibqghu jigu tollerati, u jekk il-vicin jidhirli li ma jistax jittollerahom aktar, ghandu dritt jitlob li jinghalqu (ara wkoll "Calleja vs Spiteri", deciza minn din il-Qorti fil-5

ta` Ottubru, 1994). Kwindi, il-banda konvenuta ma tista tirreklama ebda titolu ghas-servitu` minnha vantat.

Fl-ahhar nett, dan it-tip ta` servitu` jista` jigi akkwistat bid-destinazzjoni ta` sid ta` zewg fondi (artikolu 468 ibid), izda biex dan isehh hemm bzonn li s-sitwazzjoni ta` servitu` tinholoq qabel ma issir qasma tal-fond.

L-awturi G. Lo Bianco u A Lo Bianco, fil-ktieb taghhom *"La Pratica della Limitazione delle Servitu` Prediali e del Condominio"* (Hoepli 8 Ediz. 1982) jghidu hekk a propositu ta` dan il-punt (pagna 427):

*"S`intende che una servitu` apparente continua, o discontinua, si stabilisca ope legis per destinazione del padre di famiglia, senza che intervenga o che sia intervenuta la volonta` del proprietario, nel caso in cui al momento che l`unico fondo venga diviso od i due fondi vengano ad avere proprietari diversi, presistono quei segni concreti che indichino la situazione di fatto per la presenza della servitu`, la quale si trasforma in giuridica".*

F`dan il-kaz, is-sid tal-art, l-ewwel qasam il-proprjeta`, billi ikkonceda parti in enfitewsi, u kien b`agir sussegwenti tal-enfitewta li nholoq l-istat ta` servitu`. Is-separazzjoni tal-proprjeta`, f`dan il-kaz, sehhet fil-1996 meta l-Gvern ikkonceda porzjoni art b`titolu ta` enfitewsi lill-banda konvenuta; f`dak il-mument it-twieqi ma kienux jezistu u kwindi ma jistghux holqu servitu`. Il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni ta` din il-Qorti fil-kawza "Montebello vs Muscat", deciza fis-6 ta` Dicembru, 1897, fejn intqal hekk:

*"E` indifferente la causa giuridica onde nasce la separazione dei due fondi che formavano un sol patrimonio nelle mani dell`antico proprietario, potendo bene essa ritroversi nell`alienazione di uno dei fondi, o di una porzione dello stesso fondo, eseguita in vita del proprietario medesimo. Le concessione in enfitewsi e` una vera alienazione e puo` fare nascere una servitu` per destinazione del padre di famiglia"*.

La darba l-ghoti ta` parti minn fond b`titolu ta` enfitewsi, twassal ghal separazzjoni tal-istess proprjeta`, wiehed irid jara x`kienet is-sitwazzjoni tal-proprjeta`, f`dak il-mument: jekk tezisti sitwazzjoni ta` servitu`, allura s-servitu` jigi stabbilit formalment, izda jekk ma tkunx tezisti s-sitwazzjoni f`dak il-mument, is-servitu` ma jinholoqx b`xi haga li jaghmel l-enfitewta fil-fond tieghu. Hu meqjus li l-enfitewsi hija parifikata ghall-vendita (ara “Curmi vs Pizzuto”, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta` Ottubru, 1935), u bhala forma ta` alienazjoni twassal ghal qasma fil-proprjeta`, u tiddetermina, f`dak il-mument, l-istabbilita` jew le tas-servitujiet.

Kwindi, bhala konsegwenza, il-banda konvenuta ma tista tikkampa ma ebda dritt li jintitolha zzomm it-twieqi li jaghtu ghal fuq l-art tal-attur.

Il-fatt li Spiridiona Grech xtrat lura l-proprjeta` meta t-twieqi kienu gia infethu, ma jtellifx id-dritt taghha, u tas-successuri taghha, li jitolbu l-gheluq tat-twieqi. Meta xtrat l-art, hija xtratha bis-sitwazzjoni kif kienet, u cioe`, bi twieqi li infethu minghajr titolu, izda, forsi, bil-permess tal-awtur taghha. Dan il-permess, pero`, seta` holoq biss obbligazzjoni personali li l-proprjetarju ta` wara tal-fond mhux obbligat li jirrispetta. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kuntest ta` koncessjoni ta` dritt ta` passagg, fil-kawza “Galea vs Galea”, deciza fid-29 ta` Novembru, 1948, dan l-uzu jista` jikkrea se mai obbligazzjoni personali, li ma tinvinkolax lil min jigi fil-pussess tal-art wara dak li jkun ikkonceda dan l-uzu. Min jixtri proprjeta`, jixtriha, fil-konfront tal-venditur, bid-drittijiet u pizijiet li jirrizultaw, u fis-sitwazzjoni li l-proprjeta` tkun tidher *ictu oculi*. Fil-konfront ta` terzi, pero`, ix-xerrej ghandu dritt jitlob li jitwaqqaf kull pregjudizzju jew immissjoni ghall-proprjeta` tieghu, anke jekk tkun pre-ezistenti ghall-akkwist u tollerat mill-awtur tieghu.

La darba il-banda konvenuta ma irnexxielex turi xi forma ta` jedd li jintitola thalli t-twieqi fejn huma, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-banda konvenuta ma resqetx provi, c-cirkostanzi tal-kaz huma li huma u irrizultaw car mix-xhieda li ipproduca l-

attur. X`kien fil-hsieb tal-Kummissarju tal-Artijiet jew tal-Kunsill Lokali ta` San Gwann, u x`kienu l-pjanijiet tal-banda konvenuta huma immaterjali ghas-soluzzjoni ta` din il-kawza la darba ma jezistix titolu validu fil-ligi biex it-twieqi jibqghu fl-istat li huma. Ebda ftehim jew arrangament ma sar mal-attur jew l-awtrici tieghu, u dan hu obbligat li jippermetti tnaqqis fid-dgawdija tal-proprjeta` tieghu diment biss li dan it-tnaqqis jirrizulta b`xi titolu legali kostitwit kif trid il-ligi. F`dan il-kaz, dan it-titolu, kif intwera, ma jezistix.

Fil-fatt, bid-dikjarazzjoni tal-konvenuti meqjusa bhala provata, xorta ma jirrizultax li jezisti xi dritt legali li jippermetti li l-banda konvenuta thalli t-twieqi fejn huma, ghax kif intwera, ma jezisti ebda titolu validu ghall-holqien tas-servitu` pretiz mill-istess banda konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi previa li twarrab l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti, u ghal fini tat-tieni u t-tielet talba, tiffissa terminu ta` 30 jum mil-lum li fihom il-konvenuti ghandhom jaghlqu is-sitt twieqi jew aperturi meritu ta` din il-kawza b`mod permanenti, u f`kaz li ma jottemperawx ruhhom ma` din l-ordni fit-terminu preskritt, tawtorizza minn issa lill-istess attur sabiex hu jesegwixxi x-xogholijiet mehtiega biex jaghlaq l-istess twieqi jew aperturi, u dan a spejjez tal-konvenuti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------